**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (50)

Il-qaddiefa protagonisti li pparteċipaw fit-tiġrijiet ta' bejn iż-żewġ gwerer kollha sostnew li f'dawn it-tiġrijiet kien jinqala' ħafna ġlied u jweġġgħu ħafna nies. Hawnhekk wieħed jistaqsi, liema distretti kienu mpikati ma' xulxin?

Ovvjament il-pika fost il-qaddiefa minn dejjem kienet ix-xrara li tat bidu għat-tilwim f'dawn it-tiġrijiet, kemm minħabba l-imħatri kbar ta' flus li kienu jintlagħbu fihom, kif ukoll minħabba d-deċiżjonijiet ħżiena li xi drabi kienet tieħu l-ġurija waqt l-andament tat-tiġrija u fir-riżultat.

Ma ninsewx li dawn it-tiġrijiet minn dejjem kellhom ir-regoli tagħhom (l-ewwel regoli uffiċjali li ltqajt magħhom fir-riċerka tiegħi kien fl-1906), u kull ekwipaġġ suppost li jkun jafhom tajjeb u josservahom waqt it-tiġrija. Min-naħa l-oħra, il-membri tal-ġurija jridu jkunu retti u ġusti fid-deċiżjonijiet tagħhom, iżda ma ninsewx, li sakemm f'dawn it-tiġrijiet beda jintuża l-*photo finish* (f'nofs is-snin 70), il-ġurati kienu jiddeċiedu r-rebbieħ fuq għajnejhom, u ħafna drabi, il-partitarji kienu jinsew li dawn il-persuni kienu umani bħalhom u faċli ħafna li jiżbaljaw.

Iżda mhux l-ewwel darba li smajna allegazzjonijiet li xi membri tal-ġurija, li fil-maġġoranza tagħhom kienu jkunu uffiċjali tad-dwana kienu jissimpattizzaw aktar mad-distrett ta' Marsamxett – iżda kemm kien hemm veritá fihom dawn l-allegazzjonijiet ma nafux. Barra minn hekk, xi qaddiefa sostnew li mhux l-ewwel darba fil-ħruġ, Ferilla, dgħajsa jew Kajjikk kienet titlaq qabel l-inżul tal-bandiera, u l-ġurija kienet tagħlaq għajnejha, u jekk jirnexxielha tidħol l-ewwel allura jibdew il-protesti u magħhom il-ġlied.

Fil-bidu tas-snin 80 iltqajt ma' każ simili – kont għadni kemm ippubblikajt l-ewwel ktieb tal-Istorja tar-Regatta (1900-1938). Niftakar kont il-Ponta tal-Isla, meta f'ħin minnhom ġie fuqi ex-qaddief Senglean, u bla ma qies xejn li madwarna kellna n-nies, saħaq li jien kelli żball fir-riżultat tad-dgħajjes tal-Midalji tal-1938, għax fil-fatt kienu l-Isla li daħlu l-ewwel u mhux Marsamxett kif jidher fil-ktieb.

Ovvjament quddiemi kelli qaddief li kien qed isostni li rebaħ il-palju. Kien kollu għalxejn li sostnejt li jien imxejt fuq ir-riżultati uffiċjali tad-dwana, għax kompla jippersisti li kelli żball. F'daqqa waħda daħal fostna ċertu George Bussuttil (il-Manu) – qaddief ieħor, u qallu uffiċjalment kienu daħlu l-ewwel Marsamxett għaliex id-dgħajsa ta' l-Isla ġiet skwalifikata għax kienet ħarġet qabel, iżda kien xi ħadd ieħor li sostna li kienet bla nom (ma kinitx reġistrata).

Fil-fatt fl-1937 l-Isla kienu daħlu fit-tieni post, u r-ritratt tal-1938, bid-dgħajsa tal-Midalji tal-Isla bil-palju ta' l-ewwel marbut mar-rota jeżisti wkoll. Semmejt dan il-każ, għax mhux l-ewwel darba, osservajt ritratti



Dwell finali għar-rebħ tal-palju bejn l-ekwipaġġi ta' Bormla u tal-Birgu fil-korsa tad-dgħajjes tal-Midalji fl-1980

ta' dgħajjes f'xi clubs tar-Regatta, bl-ekwipaġġ jippoża għar-ritratt bil-palju tal-ewwel marbut mar-rota tad-dgħajsa, meta uffiċjalment il-palju jkun ingħata lil dgħajsa oħra. Il-ħasra hi, li r-ritratt jitwaħħal mal-ħajt, massnin jintesa kollox (kif ġara f'dan il-każ 44 sena wara), u ssib partitarji u dilettanti li jaħsbu li hemm żball fir-riżultati. S'intendi dubji jgħaddu minn moħħ kulħadd! Ritratt li bħalissa għaddej minn quddiem għajnejja huwa dak tad-dgħajsa (Bronka) ta' bi Tnejn ta' Posta bit-Tinejt u tal-Posta jippożaw magħhom b'għadd kbir ta' partitarji madwarhom. Fuq id-dgħajsa hemm miktub 1922-1936 – jiġifieri din il-koppja rebħet dan il-palju matul dan il-perjodu tas-snin.

Uffiċjalment (skond ir-riżultati) fl-1922 dan il-palju ntrebaħ minn Marsamxett (b'Bormla tidħol it-tieni) u fl-1931, din il-koppja ħadet sehem fil-korsa ta' bl-Erbgħa u ma ħaditx sehem f'ta' bi Tnejn. Riċerkatur jimxi mar-riżultati uffiċjali u mhux mar-ritratti. Jista' jkun hemm żbalji! Fuq kollox dak li nkiteb f'dawn il-kotba mhux kollox vanġelu, għaliex kif nafu, għada jista' jinstab xi dokument ġdid li jbiddel xi fażijiet mill-istorja – kif ġieli ġara wkoll fl-istorja ta' Malta.

Issa ejjew immorru pass lura u nitkellmu dwar l-inkwiet li fl-imgħoddi kien jinqala' tista' tgħid f'kull Regatta. Kull edizzjoni kienet tiftaħ bil-korsa tal-Ferilli – tiġrija akkanita ħafna fost il-qaddiefa tal-Isla u Marsamxett.

Mill-intervisti nafu, li ż-żewġ distretti mhux biss kienu jarmaw tajjeb għaliha, iżda kienu jieħdu sehem fiha bi tliet Ferilli – waħda t-tajba armata bl-aħjar ekwipaġġ possibbli, waqt li fit-tnejn l-oħra kienu jitfgħu fihom qaddiefa li l-għan tagħhom fit-tiġrija kien li jostakolaw l-aħjar Ferilla avversarja.

Barra hekk, biex jissapportjawhom kienu jieħdu magħhom dgħajjes mimlijin partitarji, armati sa snienhom, jorbtu mal-planki fid-dħul tal-korsa (li kien dejjaq) u kull meta l-Ferilla avversarja taqbeż fuq quddiem kienu jilqgħuha b'xita ta' fliexken, parati u bċejjeċ tal-injam. Saħansitra anke ġieli tefgħu l-imqadef fil-baħar!

Sfortunatament ir-reazzjoni spontanja tal-partitarji avversarji kienet tkun l-istess, pulizija fuq il-baħar ma kienx jkun hemm għajr xi tnejn fuq il-lanċa tad-dwana, u f'tebqa ta' għajn il-ġlied minn fuq il-baħar kien jinfirex fuq l-art ukoll. U s'intendi l-ġlied li kien jinqala' fl-ewwel tiġrija, kien ikompli jkarkar matul ir-Regatta. Ma ninsewx, minkejja l-faqar li kien jidher u jinħass kullimkien, f'dawn it-tiġrijiet kienu jintlagħbu mħatri ta' flus fuq il-Ferilli, fuq tal-Midalji u ta' bl-Erbgħa.

Fiż-żmien li qegħdin insemmu, lira kienet paga ta' ġimgħa għall-ħaddiem fit-tarzna, aħseb imħatra ta' ħames liri jew aktar kemm kien fiha valur. U allura, kif wieħed jimmaġina, deċiżjoni ħażina mill-ġurija kienet tagħti lok għall-inkwiet serju. Bormla kienu tilfu ħafna flus f'tiġrija fuq id-dgħajjes tal-Midalji ma' Marsamxett fil-bidu tas-Seklu 20, u jingħad li darba l-Isla tilfu wkoll imħatra kbira f'tal-Ferilli ma' Marsamxett f'nofs is-snin 20.

Meta l-Isla bnew Ferilla tat-tiġrija, u minkejja li Marsamxett ipprotestaw mal-Kollettur tad-Dwana xorta waħda baqgħu jieħdu sehem taħt protesta, l-inkwiet kompla jiżdied. Snin wara, il-Kollettur tad-dwana intrduċa żewġ tiġrijiet tal-Ferilli, waħda għall-Ferilli tal-Isla u l-oħra għal ta' Marsamxett.

Jekk b'din id-deċiżjoni l-korsa tal-Ferilla mietet mewta naturali, magħha mhux biss naqas drastikament l-inkwiet li kien jinqala' f'kull Regatta, iżda ħafna mill-partitarji Beltin u Sengleani tilfu l-interess fir-Regatta - bl-Isla terġa' tqum fuq saqajha f'nofs is-snin 30, u Marsamxett reġgħet daħlet fix-xena u rebħet xi palijiet fl-1938. Ġara iżda, li meta fl-1939 kien kollox ippreparat għar-Regatta Nazzjonali, fil-bidu ta' Settembru faqqgħet il-Gwerra u t-tiġrija tal-Vitorja ma saritx.

Wieħed mill-intervistati sostna li fis-snin 30 il-Birgu ġieli sellfet xi opri lill-Isla biex tieħu sehem bihom – ma nafx biha! Din ġdida għalija, għax l-Isla minn dejjem kellha l-opri tagħha – ma nafx kemm il-Kajjikk (Fancy) kellha, żewġ dgħajjes tal-Midalji u dgħajjes tal-Pass il-Ponta kien hemm ħafna, barra minn hekk, jidher li l-Isla dejjem ħadet sehem fir-Regatta barra fl-1921.

Iżda jista' jagħti l-każ, dejjem kif jingħad, li bejn l-1928 u l-1935 kienet teżisti bruda kbira fost il-partitarji Sengleani wara t-telfa kbira li kienu ġarrbu fil-Ferilli f'nofs is-snin 20. Kien żmien meta tal-Posta u t-Tinejt ta' Bormla kienu fl-aqwa tagħhom fil-korsa ta' bi Tnejn (1923 -1936), bl-aħwa Fabri (Patatiet) tal-Birgu bħala sfidanti, waqt f'ta Bl-Erbgħa, il-Birgu kienu fl-aqwa tagħhom b'Bormla bħala r-rivali tagħhom. F'tal-Midalji ż-żewġ distretti kienu armati tajjeb ħafna, iżda l-Isla mhux daqshom. Allura wieħed jistaqsi, f'liema kategorija ta' tiġrijiet, il-Birgu sellfet l-opri tagħha lill-Isla – f'tal-Midalji, Kajjikki – ma nafx!

Xi ħadd sostna wkoll li l-għażla tal-qaddiefa ġodda kienet issir b'dan il-mod: Kull barklor li jkollu l-ħajra li jġerri, kien jagħti qadfa u l-aħjar erba' qaddiefa kienu jiffurmaw ekwipaġġ.

Il-probabbiltá hi, li dan il-metodu kienu jsegwuh id-distretti kollha, sakemm finalment kien jirnexxielhom jiffurmaw ekwipaġġ tajjeb. Iżda aħna nafu li ekwipaġġ tajjeb kien jagħmel snin jieħu sehem, u meta kien jirtira qaddief minnhom, il-qaddief li kien jidħol minfloku kienet issir b'reqqa kbira.

Wara l-gwerra, fis-snin 50 u 60 niftakar ekwipaġġi fid-dgħajjes tal-Midalji u ta' bl-Erbgħa li damu s-snin jaqdfu flimkien. U niftakar ukoll li fis-snin ta' wara 70/80, kull distrett kellu ekwipaġġi tajbin u sett dgħajjes ġodda - kienu jgħaddu s-snin biex jinbidel xi qaddief jew tnejn minnhom.

Illum l-istorja hi differenti ħafna minn dawk iż-żmijiet! L-intervistati kollha qablu, li l-qaddiefa ta' żmienhom, kollha kienu jkunu millokal, iħobbu lid-distrett tagħhom, jissieltu bl-aħrax biex jirbħu l-palju, u ħafna drabi, il-premju tal-flus li kienu jieħdu mal-palju kienu jagħtuh lill-kumitat biex titħallas il-kera tal-maħżen fejn kienu jinżammu l-opri tat-tiġrija matul is-sena, ħadd minnhom ma kien jitlob flus biex jaqdef.....